# Rikard Mifsud Bonnici

*Ta'* Robert Mifsud Bonnici

RIKARD MIFSUD BONNICI, poeta u prożatur, twieled fit-3 ta' Ġunju, 1877, il-Mellieħa. Missieru Pietru Pawl surmast ta' l-Iskola tal-Gvern tal-Mellieħa kien ukoll poeta u prożatur; ix-xogħlijiet letterarji tiegħu, il-lum, għad li bis-saħħa ta' wliedu Ċensu u Rikard ġie li dehru f'xi perjodiku ta' żmienna, kollha jinsabu midfunin fil-qabar tal-ġurnaliżmu. Kieku dawk il-poeżiji tiegħu nġabru u ndammu fi ktieb kien ikollna mafkar ħaj ta' kittieb tajjeb ta' dak iż-żmien tmenin disgħin sena ilu. Pietru Paul miet qasir il-għomor u ħallha armla lis-Sinjura Virġinja bint innutar Vassallo.



RIKARD MIFSUD BONNICI.

Rikard jaħbat is-sitt wieħed mis-sebat aħwa li sefgħu bla missier meta kienu għadhom żgħażagħ jew aħjar tfal; studja fl-Iskola tal-Gvern u wara fil-Liċeo, il-Belt. Rikard, sa minn ċkunitu dejjem weġġaħ 'l ommu u 'l ħutu ikbar minnu, Pawlu u Ċensu. Pawlu kien laħaq Deputat Reġistratur tal-Qorti ta' Fuq; iżda, daqsxejn ta' fewġa, waqt li servizz, soċjetà u dinja kulħadd jidħaklu, għal għarrieda tajritu, qaċċtitu minn wiċċ l-art u minn ħdan ommu u ħutu sab ruħu f'dak tal-Missier ta' kulħadd. Ċensu, mgħallem sewwa ta' lsienna. ma baqax ma żerax l-aħjar u l-itjeb żerriegħa f'moħħ u qalb ħuh iż-żgħir, Rikard, kif sewwa sew għamel miegħi li qiegħed nikteb dawn it-tifkiriet dwar qaribi.

Rikard moħħu jarfa', ma' l-istudju fil-Liċeo ma warrabx dak tal-Malti: staqsi, ħażżeż, għarrex, aqra, tkellem, aħżen,

sorr, fl-aħħar beda jħaddem il-pinna, beda ħiereġ l-ewwel xogħol tiegħu bil-Malti: ftit vrus imqabbla li ngħoġbu minn ħuh Ċensu u zijuh Ġanni, missieri, poeta ieħor, awtur tal-poema "Niket u Ferħ". Rikard rabba l-ħila, saħħaħ aktar ir-rieda tajba tiegħu, għen ruħu bil-mistoqsija, l-ikbar għors tiegħu ma' xi xiħ fir-raħal jinnota dejjem il-kliem safi Malti. Ara kemm hu hekk il-kitba tiegħu torbot kliemi. Meta darba waħda tarraftlu fehemti li l-Malti safi mhux ta' min iħaddmu wisq fiż-żmenijiet tagħna meta l-ġnus ewropej qegħdin jissellfu minn għand xulxin biex iżewqu u jsebbħu lsienhom, "le ħej, ma naqbelx miegħek hawn," infexx igħidli b'leħen għalkemm ma jinħassx imgħaddab. "Robert, ħa jissellef min għandu bżonn imma l-Malti ma jissellef minn għand ħadd għax hu biżżejjed għalih innifsu." Din it-taħdita bejni u bejnu żiedet iktar intrabtet meta fit-18 ta' Ġunju 1941 waslitli ittra tiegħu: "......*iżda fehemti hi u kienet dejjem li bla rieda msejsa fuq blat qawwi, qatt ma għandi nxewlaħ libsti* (għal-lsien Malti) *'l hinn biex inxidd oħra minn snejdaq ħaddieħor; u lanqas ma narmi jew naħbi żarbuni li saqajja jistrieħu fih u jimirħu bla ħjiel ta' wġigħ u bla xejn xkiel biex fihom indeffes ieħor minn mixded ġari* (għal-lsien taljan). *Min għandu tiegħu bix-xaba' ħa jinqeda bih. Iżda għalkemm ma nbarrix nistgħall għajdud il-barrani u nixżejjen bih, biex nikber fi mjieli: ikun fejjiedi trabbi jew traqqad żarġuna mill-mixtla ta' ħabibek, imqar kien għaduk biex issebbaħ ġnienek.*"

Dwar il-għamla tal-kitba tiegħi bil-Malti hekk fisser ruħu miegħi fl-istess ittra għad li l-*vokabolarju* tiegħi tal-Malti safi safi hu ċkejken biex ma ngħidx fqir għal kollox, għalkemm fil-kitba tiegħi qajla ninqeda bi kliem barrani. "...*tikteb tajjeb, qawwi u bla tqanżi; eħfef mir-riħ li jgħaddi fietel f'Mejju ma' nżul ix-xemx; u togħla kemm trid mingħajr tbatija sal-ogħla sema fejn tisseffaq u tissaqqar l-ajkla; il-kelma ttir minn ħsiebek bħal għasfur tal-bejta, ferriħija u ħafifa u żomm ħafif moħħ min jaqraha jew jismagħha. Jien nifraħ u nitħenna b'dan. Iseddqek il-Mulej.*"

Din is-silta, imwarrba kull frugħa fija nnifsi, niżżiltha bilgħan biss, li fost it-tifkiriet tiegħu, nuri bħal f'mera l-moħħ u l-qalb ta' mgħallem twajjeb max-xriek tiegħu u l-ħsus ħajjin u ħarkiena f'moħħ u qalb ta' poeta.

Poeta! Il-poeta jitwieled poeta. Rikard, mhux biss twieled imma hu wkoll bin poeta. Il-qawl igħid: "bin is-sengħa għandu

nofsha''. U Rikard kisibha kollha bla tħabbil ir-ras; għalhekk dak li hu qata' għall-proża tiegħi nerġa' jien inroddulu lura għall-poeżija tiegħu. Jixraqlu u jixraqlu tassew. Kemm poeżiji kiteb Rikard? Min igħoddhom? Min jista' jiġborhom mill-perjodiċi, u mir-rivisti tal-Malti? Għallinqas, il-lum, b'xorti tajba, ħalla bħala wirt ġawhra mill-ifjen biex iżid iżejjen biha l-qasam tal-letteratura Maltija. Din il-ġawhra hu poema klassiku fuq Kristu Alla u Bniedem, Kristoloġija. Mhux dmiri ngħid jien x'jiżen u x'jiswa dan l-aħħar xogħol poetiku ta' Rikard Mifsud Bonnici. Ħa jxandruh il-poeti kbar tagħna; ħa jkunu huma l-imħallfin u mhux jien għax jien miniex poeta għad li jien qaribu, ħu poeta u bin poeta wkoll. Iżda għad li miniex poeta għax ma nagħrafx inlissen ħsiebi bir-ritmu u l-qies, imma qalbi tħoss għad li moħħi ma jwassalx daqs ta' poeta. *Kristoloġija!* L-isem biss hu biżżejjed biex iqanqal moħħ u qalb imqar ta' l-inqas prożatur.

Rikard kien umli. Il-kitba tiegħu qatt ma dehret imżejna b'ismu bħalma hu l-qlib bil-Malti ta' taħditiet fuq il-Mistika ta' Patri G. B. Scaramelli S.J., li ġie stampat fi ktieb fl-1932 u maħruġ mis-Soċjetà tad-Dutrina (Museum). Hekk ukoll il-poema "Kristoloġija". Iżda, sirt naf li ħutu u n-neputijiet ħadu ħsieb li jaraw ismu mniżżel fuq il-ktieb bħala l-Awtur u b'tifkira tiegħu dejjem ħajja. Kien iħobb iġib l-inizjali R.M.B. Minħabba f'hekk biex tiegħu tkun tingħaraf minn tiegħi bdejt mill-bidu nett niffirma Rob. Mifsud Bonnici. U b'danakollu mhux darba jew tnejn qlajt tifħir minn fuq l-inizjali tiegħu bħalma tixhed din l-ittra tal-magħruf poeta u l-lum drammaturgu wkoll Ġorġ Pisani bid-data 29. 12. 39.

"Għażiż Sur Bonnici, (Robert),

Għadha kemm waslitli l-ittra tiegħek. Dik l-ittra li bgħatt lil Rik Mifsud Bonnici kienet għalih u dak it-tifħir ta' ġo fiha kien għalih ukoll. Ġara li billi l-biljett kien fih R. Mifsud Bonnici jien dik l-*R* ħsibtha *Rob*.

Issa nerġa' ntenni lilek ix-xewqat sbieħ li kont xtaqtlek f'dik l-ittra u nerġa' nħeġġek biex tissokta tikteb......"

Biċċa għadma iebsa kien ir-rumanz tiegħu "Santu Formosa"; rumanz li għalih ħa premju fil-Konkors tal-Gvern għall-aħjar rumanzi bil-Malti oriġinali li sar fl-1936. Dwar dan ir-rumanz nista' ntenni xi stqarr miegħi Dr. Laferla, iċ-"chairman" tal-Board: "*Santu Formosa ma hux biss rumanz, im-*

*ma* 'vokabolarju' *tal-Ilsien Malti*''; vokabolarju ta' ħtieġa kbira għal min jistudja l-Malti, inżid intenni jien.

Ta' għoxrin sena, temm l-istudju tiegħu fil-Liċeo, daħal skrivan fil-Makna tad-dqiq u l-Pastifiċju tas-Sur Wiġ Farrugia. Fis-sur Farrugia, Rikard, dejjem sab it-tieni misser u Prinċipal Nisrani. Kien fdat u kien jaħdem bil-qalb u b'ħeġġa nisranija. Fil-bidu ta' l-ewwel gwerra tad-dinja nfetaħ il-'Museum' ta' Dun Ġorġ Preca, il-Ħamrun. Rikard, minn ta' l-ewwel intgħażel b'wieħed mit-Tnax-il Appostlu tal-Museum. U minn dak in-nhar sa l-aħħar jiem ta' ħajtu baqa' jaħdem fil-Qasam tal-Mulej, jagħmel il-ġid 'l għajru bil-kelma, bil-pinna u bl-eżempju—it-tliet għodod imħaddmin mis-Superjuri kollha tal-Museum.

Biex igħin lil ħutu, lin-neputijiet li kienu għadhom trabi u sefgħu orfni minn missierhom u ommhom, daħal sieħeb ma' ieħor u fetħu Makna tal-għaġin. Għall-ewwel kollox kien miexi b'wiċċ il-ġid, kulħadd jaqla' biċċa ħobż, proprjetarji u ħaddiema. Iżda, ma damx ma beda jinqala' l-għawġ. Ix-xitan ma jaħmelx it-tajjeb igħix. Min hu fil-kummerċ jaf x'jiġifieri. U wasal jum li l-Makna ħtiġilha tagħlaq u n-negozju tal-għaġin sfratta. Iżda Alla ħanin, tah negozju ieħor: negozju mal-Knisja; u b'hekk, baqa' jgħaddi ż-żmien jinnegozja bla xejn titrif ta' ruħu.

Sa l-aħħar jiem ta' ħajtu baqa' jħobb u jaqdi 'l Alla, jagħmel il-ġid 'l għajru u jaħdem għall-familja għad li ried sata' jgħix bil-kwiet kollu fis-satra ta' daru bla ma jonqsu xejn imdawwar u maħbub mit-tliet ħutu xebbiet, fosthom Rakel Mifsud Bonnici poetessa oħra u Awtura ta' ħafna poeżiji li dehru l-iktar fil-''Messaġġier tal-Qalb ta' Ġesù''. Mill-pinna tagħha ħareġ il-kliem ta' ''tifkira'' tal-mewt ta' ħuha Rikard li ġrat fit-23 ta' Settembru 1948, u minn qalbha din l-istrofa:

*Ma damx imdejjaq, mar bħaċ-ċkejknin!*
*Hekk jimxi Alla mal-magħżulin...*
*Ma mietx, 'mma bidel ħajtu taż-żmien*
*Ma' għarqet is-sema li bħalha mkien!...*

# Talba

## WEMEN MISSIRIJIETNA

*Inġibu hawnhekk din id-daqsxejn ta' kontribuzzjoni tal-mejjet RIKARD MIFSUD BONNICI li tiegħu ġibna bijografija hawn qabel. Din kienet baqgħet mal-manuskritti tal-kontribuzzjonijiet għall-"Malti", u bħala tifkira għażiża ta' ismu, bħala kittieb u membru tal-"Għaqda", nirregalawha lill-qarrejja tagħna.*

Sa mill-ibgħad żmenijiet, il-fidi f'qalb misserijietna kienet imseddqa f'qalbhom fid-doti kollha tagħha :— qawwija, lieżma, ħajja u kollu kemm huwa t-tagħlim li nissel fihom il-Kbir Appostlu Missier tagħna San Pawl.

Jiena, li nħobb minn qaddisi sa minn żgħoriti x-xjuħ, erħili nindehes u nitħabbeb magħhom, nistaqsihom fuq kemm-il fettuqa, ksibt minn għandhom nitfa ta' talba, fis-sura iva, iżda tiswa qatigħ f'tifsiritha, billi tgħarrafna kemm missirijietna kienu insara minn qalbhom u le ta' l-isem.

Din it-talba kienu dlonk itennuha misserijietna meta kien igħaddi l-Vjatku Imqaddes minn quddiem biebhom, u billi msejknin ma kinux ikunu jistgħu jissieħbu wrajh mat-tajfa, kienu għalhekk bl-akbar ħerqa jgħiduha minn wara biebhom għarkobbtejhom fil-ħin li jibagħtu l-anġlu wenniesi tagħhom jingħaqad u jissieħeb mal-ġlajka ta' l-anġli l-oħra li mal-Vjatku Imqaddes ikunu għaddejja.

It-talba hija din :

*Palma palmata;*
*Reġina nkurunata:*
*Leħen ta' l-Anġli:*
*Nar ta' l-Ispirtu s-Santu;*
*B'għajnejja ma narakx,*
*Ġe qalbi nilħodak,*
*Nixtieq nirbaħ l-indulġenzi,*
*Bħala n-nies li jiġru wrajk.*